**Minuti tal-Ewwel (01) Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal- Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.**

I-laqgħa bdiet fis-6.08 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairman Ray Bartolo | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Viċi-Chairman Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Ħatra ta' Chairperson u dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-kariga.**

1.01 Fill-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa l-laqgħa li skont il-Liġi tal-Kunsilli, (li tapplika wkoll għall-Kumitati Amministrattivi) l-kariga ta' Chairperson tal-Kumitat Amministrativ Burmarrad għandha tingħata lill-dak il membru li jkun ġab l-akbar numru ta' membri eletti mill-membri eletti tal-partit li jkun ġab maġġoranza ta' membri eletti. Fl-elezzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, il-Partit Nazzjonalista kien ġab il-maġġoranza ta' voti u s-Sur Ray Bartolo kien ġab l-akbar numru ta' voti fost il-membri tal-partit tal-maġġoranza.

1.02 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lis-Sur Ray Bartolo jekk jaċċettax il-kariga ta' Chairperson.

1.03 Is-Sur Ray Bartolo iddikjara li huwa kien qiegħed jaċċetta din il-kariga u għalhekk huwa ġie maħtur Chairperson.

Is-Sur Ray Bartolo ħa s-sedja u kompla jmexxi l-laqgħa.

**2.00 Ħatra ta' Viċi-Chairperson u dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-kariga.**

2.01 Iċ-Chairperson Ray Bartolo staqsa lis-Sinjura Simone Aquilina jekk, bħala l-membru tal-partit tal-maġġoranza li l-aktar ġabet numru ta' voti wara iċ-Chairperson, taċċettax il-kariga ta' Viċi-Chairperson.

2.02 Is- Sinjura Simone Aquilina iddikjarat li hija kienet qed taċċetta din il-kariga u għallhekk hija ġiet maħtura Viċi-Chairperson.

**3.00 Tqassim ta' karigi u responsabilitajiet ta' xogħol miċ-Chairperson lill-Membri tal-Kumitat.**

3.01 Iċ-Chairperson Ray Bartolo qassam lista li turi l-karigi u r-responsabilitajiet tal-membri tal-Kumitat Amminstrattiv Burmarrad. Huwa qal li din il-lista ġiet imfassla fuq l-istess mudell tal-Kunsill Lokali. Huwa qassam ir-responsabilitajiet skont l-esperjenzi u abilita' ta' kull wieħed/waħda mill-membri. Dawn il-karigi u responsabilitajiet jiġu riveduti kull sitt (06) xhur.

Dwar il-Website, huwa qal li din tkun paġna mill-Website tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar.

Ir-responsabilitajiet ta' kull membru tal-Kumitat Amminstrattiv Burmarrad huma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Ray Bartolo**: | Proġetti Kapitali u Infrastruttura |
| (Chairperson) | Żamma u manutenzjoni ta' Toroq u bankini |
| | Investiment mill-Gvern Ċentrali |
| | Għaqdiet fil-Lokalita |
| | Żagħżagħ |
| | Sinjali u Tabelli tat-Toroq |
| | Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq |
| | Parkeġġ u Sistemi tal-Parkeġġ |

Attivitajiet Edukattivi, Kulturali u Sportivi
Edukazzjoni, Kultura u Arti
Anzjani u Ċentru ta' Matul il-Jum
Żamma ta' Ġonna Pubblici, SoftAreas/GreenAreas
Progetti b'fondi tal-UE għaż-zagħżagħ (*)
Ambjent (**)
Tindif tar-raħal (**)
Ġbir ta' Skart u Riċiklaġġ (**)

**Simone Aquilina:** Avvanz tal-mara
Wardija
Magazine
Relazzjonijiet Internazzjonali
Skambji u Ġemellaġġi

**Peter Abela:** Biedja
Entitajiet Pubbliċi
Small and Medium Enterprises
Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika
Settur Turistiku
Sports u Użu ta' Faċilitajiet Sportivi
Ambjent (**)
Tindif tar-raħal (**)
Ġbir ta' Skart u Riċiklaġġ (**)

**Carmel Hili:** Public Convenience
Aspetti Soċjali
Persuni b'Disabilita'
Aċċessibilita'
Website

**Joseph Mario Hili:** Proġetti tal-UE
Fondi mill-UE
Proġetti b'fondi tal-UE għaż-żagħżagħ (*)
Storja tal-Lokalita.

(Nota: (*) u (**) huma responsabilitajiet ixxerjati bejn il-membri.)

3.02 Il-Membru Carmel Hili qal illi xtaq li l-karigi u responsabilitajiet jkunu diskussi bejn il membri kollha tal-Kumitat qabel jiġu deċiżi. Dawn għandhom jingħataw *by consensus* u skont il-voti li ġab il-membru konċernat u hekk jiġu rispettati l-votanti ta' Burmarrad. Huwa qal li xtaq li jingħata opportunita' jaħdem fl-oqsma li huma il-*forte* tiegħu.

3.03 Il-Membru Peter Abela qajjem *Point of Order*. Iċ-Chairman qal li huwa kien mexa fuq il-prassi ta' dak li jsir fil-Kunsilli Lokali.

3.04 Il-Membri aċċettaw il-karigi u ċ-Chairman irringrazzja lill-membri kollha.

3.05 Ġie deċiż li jinħatru żewġ sotto-kumitati, wieħed għall- Bye-Law fuq Street Furniture, u Advertising fit-Toroq, u ieħor għall-Traffic Management. Il-membri fuq dawn is-sotto-kumitati ġew maħtura hekk:

**(i) Sotto-Kumitat – *Bye-Law Street Furniture/Advertising:***
Chariman, Ray Bartolo
Membru, Simone Aquilina
Membru, Carmel Hili.

***(ii)* Sotto-Kumitat – *Traffic Management:***
Chairman, Ray Bartolo
Membru, Peter Abela
Membru, Joseph Mario Hili.

**4.00 Diskussjoni dwar il-*Budget* u Pjan ta' Xogħolijiet għal perjodu mill-1ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010.**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-finanzi kif allokati mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal perjodu 1ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 kienu Euro38,482. Spejjez kollha relatati ma' Burmarrad jiġu mnaqqsa minn dan l-ammont u l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar jżomm rendikont tal-infiq li jsir f'Burmarrad. Dan jinkludi kwalunkwe spiża li ssir ghal-manutenzjoni ta'toroq, żamma tal-gonna, gbir ta' skart, knis tat-toroq, sinjali u tabelli, attivitajiet, dwal tat-toroq, spejjez ta' amministrazjoni, servizzi ta' perit etc.

4.02 Ġie deciż li l-*accountant* tal-Kunsill tattendi l-Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad li jmiss sabiex tispjega s-sistema kif ser timxi u

tirrispondi mistoqsijiet tal-Membri dwar iż-żamma ta' kontijiet li jirrigwardjaw materji finanzjarji.

4.03 Iċ-Chairman qal li **Memo 94 – Applikazjoni għall-Proġetti** b'nefqa sa Euro 20,000.-- trid issir sal 20ta' Awwissu, 2010. IL-Membri għandhom jissottomettu l-proposti tagħhom dwar xi proġetti li jistgħu jsiru liċ-Chairman sa żmien gimgħa mil-lum biex tkun tista tiġi fformulata l-applikazjoni.

4.04 Iċ-Chairman qal li hemm **Memo 73 – Lokalitajiet Indaf**, fejn jistgħu jsiru applikazjonijiet lid-Dipartiment tal-Kunsilli għal fondi sa' Euro 1,000. Huwa issuġġerixxa li taħt din l-skema, il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad japlika għal- toroq li jmissu ma' għelieqi u li ma' hemmx ħitan bħal-Triq Papa Gwanni Pawlu II sabiex issir kurduna ma' tarf it-triq, titwaħħal xibka tal-metall (*chicken wire*), u jitħawlu pjanti u *creapers* sabiex tinżamm il-ħamrija milli taqa' fit-triq.

Il-Membru, Peter Abela qal li tista issir kampanja fid-djar tar-residenti dwar ħruġ ta' skart fil-ħin, dwar separazjoni ta' skart, u anke bidu ta' skema fejn tingħata *mini-skip* kull sitt residenzi. Tista tiġi identifikata żona fejn bi ftehim mar-residenti ssir din l-skema bħala prova. Żgur li skema bħal din tevita ħafna problemi ta' skart. Gew identifikati Triq l-Insolja, Triq Patri Wistin Magro, Triq Manwel Bonnici, Triq San Pawl Milqi, u Triq Gwanni Pawlu II.

Il-Membru Peter Abela inkariga ruħu sabiex jġib kwotazjoni u jiġi avviċinat il-kuntrattur tal-ġbir taż-żibel u sabiex tintbgħat ittra (bir- ritratti) fid-djar tar-residenti ta' dawn it-toroq biex tispjega dan il-kunċett.

Il-Membru Simone Aquilina qalet li tista wkoll issir *Composting Area* għaż-żona tal-Wardija fejn jiġu installati 4 *compost bins*.

Il-Membru Jospeh M. Hili qal li ta' min naraw kif nistghu nehilsu mill-problema tal-klieb mitluqin kemm minhabba l-problema tal-hmieg kif ukoll minhabba li dawn ibezzghu n-nies. Is-Segreatrju ntalab jiccekkja x'tghid il-ligi fuq dan is-suggett.

4.05 Ic-Chariman Ray Bartolo semma wkoll **Memo 95 – Skema tal-Gvern Ċentrali għall-Attivitajiet**, fejn diġa ingħataw Euro 3,500.—għall-attivita **Festa Bdiewa** f'Burmarrad li ser issir f'Ottubru 2010 u li din qed tiġi

organizzata mill-Kunsill Lokali permezz ta' kumitat apposta. Huwa qal li applikazjoniet għal-fondi għas-sena 2011 iridu jsiru sas 17ta' Settembru u stieden lill membri jibgħatu l-proposti tagħhom .

## 5.00 Ħwejjeġ Oħra.

5.01 Il-Membri staqsew jekk jistax jingħatalhom *e-mail address* tal-gvern.

5.02 Il-Membri talbu wkoll li jitwaħħlu *stickers* bin-numri tat-telefon mad-*dustbins* biex jindikaw fejn wieħed jista jcempel għas-servizz tal-*bulky refuse.*

5.03 Iċ-Chairman Ray Bartolo qal li għandu jitwaħħal *bollard* bid-dawl u riflettur fil-bidu tat-traffic island tas-*service road* li hemm fit-triq principali ta' Burmarrad qabel tasal fil-pjazza ta' quddiem il-knisja. Jitwaħħal wkoll *sleeping policeman* fl-istess *service road.* Tintalab kwotazjoni għal-*rubber bollard.* Huwa talab ukoll li f'xi laqgħa ohra tiġi diskussa l-possibilita li titwessa l-bankina faċċata ta' Bonnici Stores quddiem il- UniPrint.

5.04 Il-Membru Carmel Hili talab li terġa ssir it-tabella tal-'Welcome' fil-Wardija. Is-Sindku Graziella Galea qalet li din ser issir wara li jitwaħħlu dawk fil-limiti tal-konfini ta' San Pawl il-Bahar.

Is-Sur Carmel Hili staqsa dwar it- Traffic Lights ta' fejn Scotts Supermarket li għadhom mhux lesti. Is-Sindku qalet li x-xogħol miexi, il-poles twaħħlu u kien jonqos li Enemalta jinstallaw l-elettriku.

Is-Sur Carmel Hili talab li f'Burmarrad jkun hemm uffiċju tal-posta, spizerija, u servizzi oħra.

Is-Sur Carmel Hili semma l-proġett ta' riabilitazjoni ta' Triq is-Salini (Coast Road) li tinvolvi bdiewa min Burmarrad. Iċ-Chairman qal li dan il-proġett ma' jaqax fil-konfini taħt ir-risponsabilita' tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Is-Sindku qalet li dan is-suggett tqajjem fil-laqgha tal-Kunsill u li l-files dwar dan il progett jinstabu għad-disposizjoni ta' kull min irid fl-ufficini tal-Kunsill.

5.05 Il-Membru Joseph M. Hili staqsa dwar il-ħinijiet ta' ġbir ta' skart u jekk hux qed jingħata servizz tal-Wardens.

5.06 Il-Membru Peter Abela talab li issir *Notice Board* ma' l-iSkola tal-Wardija, jkun hemm aktar kontroll tat-traffiku, issir applikazjoni lil TM biex isiru road-markings ma l'art (red box bil marki 45km).

5.07 Il-Membru Simone Aquilina talbet li jsiru *one-ways* id-dħul u ħruġ għat-triq li minn quddiem Scotts Supermarket tidhol għal- Wardija (fejn hemm it-*traffic island*).

**6.00 Gheluq**.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.50 ta' filgħaxija u aġġornat għal nhar l-Erbgħa 11ta'Awwissu fis- 6.00 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairman

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.